**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta' Mejju 2021

Rikors Numru: 140/2019 AL

**A B f'ismu proprio u f'isem bintu minuri C B li twieldet fit-12 ta' Settembru tas-sena 2013**

**vs**

**Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo nominati b'Digriet tat-13 ta' Lulju 2019 biex jirrapprezentaw lil D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ippremetta:

*Din hija kawza ghall-kura u kustodja, manteniment u access ghall-minuri C B.*

*Illi l-partijiet tweliditilhom tifla bl-isem ta' C B nhar it-12 ta' Settembru tas-sena 2013, u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid taghha, hawn anness u Aat Dok A.*

[1] Fol. 1.

*Illi prezentement il-minuri qieghda tirisjedi ma' missierha l-esponenti stante illi l-intimata ma ghandhiex residenza fissa u llum il-ġurnata huwa lanqa jaf fejn din qiegħda tgħix.*

*Illi fit-8 ta' April tas-sena 2014 il-partijiet iffirmaw ftehim rigwardanti kura u kustodja, access u manteniment għal binthom minuri, liema ftehim giet awtorizzat minn din il-Qorti. Kopja tal-ftehim qieghda tigi hawn annessa u Aata Dok B.*

<u>*Kura u Kustodja u Residenza*</u>

*Illi fi klawsola numru wieħed (1) tal-kuntratt sucitat il-partijiet kienu ftehmu illi l-kura u kustodja tal-minuri C tigi affidata esklussivament f'idejn l-intimata u li l-minuri jkollha residenza ordinarja tagħha mal-istess intimata.*

*Illi minn dakinhar sallum l-esponenti rrikontra diversi problemi stante illi l-intimata qabdet it-triq hazina, waqfet tihu hsieb lill-minuri b'mod li zzommha nadifa u mitmugha kif suppost.*

*Illi l-esponenti sar jaf illi l-intimata qabdet il-vizzju tad-droga u sahansittra llum hija lanqas ghandha indirizz fiss ghaliex ma ghadhiex tghix fir-residenza ta' ommha, b'dan illi l-esponenti lanqas biss jaf fejn qieghda tghix.*

*Illi l-fatt li l-intimata hija homeless gie kkonfermat mis-social workers fi hdan l-Agenzija Appogg. (Vide Dok C)*

*Illi l-esponenti ma kellux triq ohra ghajr illi jzomm lill-minuri mieghu ghaliex beza' illi bintu kienet tinsab fil-periklu.*

*Illi ghall-gid siprem tal-minuri, ikun oportun illi l-kura u kustodja tal-minuri tigi affisata sklussivament mal-esponenti, filwaqt illi r-residenza ordinarja taghha tkun mal-esponenti wkoll.*

*Illi din kienet ukoll r-rakkomandazzjoni tas-social workers Naomi Bellotti u Andreana Gellel fi hdan l-Agenzija Appogg in forza ta' rapport redatt minnhom fit-3 ta' Mejju 2019. (Vide Dok C)*

*<u>Access</u>*

*Illi fi klawsola numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgħa (4) tal-istess kuntratt, il-partijiet kien ftehmu dwar kif kellu jkun l-access tal-esponenti. Maul is-snin b'xi mod jew iehor da nil-ftehim hadem, izda gialadarba r-residenza tal-minuri tkun mal-esponenti ikun hemm bzonn illi jigu ffissati granet u hinijet fissi ta' access versu l-intimata.*

*Illi l-esponenti ma huwex sejjer jostakola jew ifixkel l-access tal-intimata, izda fic-cirkostanzi, huwa jixtieq illi l-access tal-intimata jkun supervizjonat mill-Agenzija Appogg u dan sabiex tiġ salvagwardjata l-inkolumita' tal-minuri. Din kienet ukoll rakkomandazzjoni tas-social workers fi hdan l-Agenzija Appogg. (Vide Dok C).*

*<u>Manteniment</u>*

*Illi fi klawsola numru tmienja ittra 'c' (8c) tal-kuntratt suċitat, lesponenti kien obbliga ruhu illi jhallas lill-intimata, bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici.*

*Illi matul is-snin huwa dejjem kien puntwali fil-hlas tal-manteniment, madanakollu f'dawn l-ahhar gimghat illi l-minuri kienet qieghda tirrisjedi mieghu huwa waqaf ihallas tali manteniment.*

*Illi l-esponenti huwa konxju illi l-intimata ghaddejja minn problemi serji u sa fejn jaf hu ma ghandhiex impjieg izda l-minuri xorta wahda trid tghix u l-bzonnijiet taghha jridu jigu sodisfatti.*

*Illi l-esponenti jixtieq illi tigi stabbilita data minn meta l-intimata ghandha tigi ordnata tikkontribwixxi ghall-manteniment u l-ispejjez edukattivi u medici tal-minuri C.*

*Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal fethim bonarju u dan stante illi l-intimata ma attendiet ghall-ebda seduta tal-istess medjazzjoni, u dan kif jirrizulta millanness dokument Aet Dok D.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:*

1. *Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri C B tigi affidata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;*

2. *Tordna illi r-residenza ordinarja tal-minuri C Micallf tkun mar-rikorrenti;*

3. *Tordna illi kull beneficcju socjali u/jew ghajnuna socjali li jistghu jkunu talvolta dovuti lillminuri jkunu pagabbli esklussivament lir-rikorrenti;*

4. *Tordna lill-intimata sabiex tivversa manteniment adegwat ghall-minuri oltre sehemha mill-ispejjez ordinarji u straordinarji ta' sahha u edukazzjoni;*

5. *Tordna illi l-manteniment fiss jizdied kull sena bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) fuq is-sena precedeni mid-data tad-digriet u/jew tas-sentenza;*

6. *Tordna illi l-manteniment akkordat jinqata' direttament mis-salarju tal-intimata jew mill-beneficcji socjali illi l-intimata tkun qieghda tippercpixxi, b'dan illi l-employer tal-intimata jew id-Dirttur tas-Sigurta' Socjali ghandhom jigu ordnati jesegwixxu din lordni u jibghatu cekk direttament lir-rikorrenti;*

7. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex ikun jista' japplika u jgedded il-passaport tal-minuri minghajr l-awtorizzazzjoni tal-intimata.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-procedura tal-medjazzjoni numru 163/19 AGR, u bil-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi in vista tal-fatt illi l-attur ma kellux fejn jinnotifika lill-intimata bl-atti ġudizzjali stante li din tal-aħħar hija *homeless*,[2] permezz ta' digriet datat 30 ta' Lulju 2019 ġew maħtura bħala kuraturi deputati l-Avukat Martin Fenech u l-

[2] Fol. 27.

Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo u dan sabiex jirrapprezentaw lill-intimata D E;[3]

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati,[4] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi fl-ewwel lok il-kawza hija irrita u nulla stante li r-rikorrenti intavola l-kawza f'ismu u f'isem il-minuri C B li ma jidhirx li ghandu l-poter legali sabiex jirraprezenta lill-minuri f'kawza civili.*

2. *Fit-tieni lok l-esponenti huwa cert li l-intimata ma ghandhiex il-mezzi sabiex thallas manteniment minhabba l-pozizzjoni taghha u jekk tircievi xi hlasijiet jew beneficcji ghaliha biss mill-Gvern dawn l-anqas wasslu sabiex tghajjex lilha nnifisha.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-att tat-twelid tal-minuri C B li jġib in-numru progressiv 4355 tas-sena 2013;[5]

Rat il-kuntratt tal-partijiet rigward il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri C B, datat 8 ta' April 2014,[6] u approvat minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat 13 ta' Mejju 2014;[7]

Rat ir-rapporti tas-*social workers* Naomi Bellotti u Andreana Gellel in rapprezentanza tal-Aġenija Appoġġ datati 3 ta' Mejju 2019 u 30 ta' Diċembru 2019;[8]

Rat l-affidavit tal-attur A B u d-dokumenti annessi miegħu;[9]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imresqa, id-dokumenti ezebiti minnhom, liema ġew kollha mizmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;

---

[3] Fol. 25.
[4] Fol. 56.
[5] Fol. 6.
[6] Fol. 8 – 11.
[7] Fol. 12.
[8] L-ewwel rapport jinsab a fol. 14 – 15, filwaqt li t-tieni rapport jinsab fuq wara tal-proċess.
[9] Fol. 143 – 155.

Rat il-verbal quddiem l-Assistant Ġudizjarju ta' nhar it-3 ta' Diembru 2020, fejn il-kuratur deputat in rapprezentanza tal-intimata ddikjara mal-Assitent Ġudizzjarju stess u dan tramite komunikazzjoni telefonika illi ma rnexxilux jagħmel kuntatt mal-konvenuta u għalhekk ma kellux provi xi jressaq;[10]

Rat it-trattazzjoni finali tal-partijiet;[11]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[12]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

*(i)* *L-Azzjoni Odjerna:*

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri C B nhar it-12 ta' Settembru 2013. Il-partijiet għazlu li bonarjament jirregolaw permezz ta' kuntratt datat 8 ta' April 2014 dawk il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-imsemmija minuri, ċjoe' il-kura, kustodja, aċċess u manteniment. Permezz tar-rikors odjern intavolat minn A B nhar it-3 ta' Ġunju 2019, tingħata retroxena ta' dak li seħħ permezz tal-kuntratt rigward il-kwistjoni rigwardanti l-minuri, ċjoe' l-kura u kustodja ta' C B ġiet fdata f'idejn D E, filwaqt li hu kellu aċċess regolat, u fid-dawl tal-fatt li l-minuri kienet qiegħda tirrisjedi mal-omm, l-attur kellu l-obbligu li jivversa lil konvenuta s-somma ta' €200 bħala manteniment għal binthom kull xahar. Madanakollu fir-rikors ġuramentat jiġi rilevat li minħabba t-tendenzi ħziena tal-konvenuta, l-attur kien tal-fehma li ma kellux triq oħra ħlief li jzomm lill-minuri miegħu – fil-fatt jiġi allegat li l-minuri ilha mal-attur sa mill-aħħar ta' April 2019. Għaldaqstant permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex il-kuntratt in kwistjoni jiġi varjat skont iċ-ċirkostanzi odjerni.

Min-naħa l-oħra u in vista li ma huwiex magħruf fejn tinsab il-konvenuta, *din* qiegħda tiġi rapprezentata minn kuraturi deputati. Minkejja li l-kuraturi deputati

[10] Fol. 156a.
[11] Fol. 160.
[12] Fol. 159.

ddikjaraw li ttentaw jagħmlu komunikazzjoni mal-konvenuta, jidher li dan ma kienx ta' suċċess. Filfatt dan ġie ddikjarat fis-seduta quddiem l-Assistant Ġudizzjarju ta' nhar it-3 ta' Diċembru 2020 u kif ukoll fit-trattazzjoni finali ta' nhar it-23 ta' Frar 2021.[13] Għaldaqstant ma jirrizultax li ma hemmx oġġezzjoni formali da parti tagħhom għat-talbiet kif dedotti mill-attur. Madanakollu, fir-risposta tagħhom, il-kuraturi deputati jeċċepixxu eċċezzjoni preliminari ta' nullita' u eċċezzjoni oħra fil-mertu rigward il-manteniment dovut għal minuri.

*(ii)* <u>*Eċċezzjoni Preliminari: "l-kawza hija irrita u nulla stante li r-rikorrenti intavola l-kawza f'ismu u f'isem il-minuri C B li ma jidhirx li għandu l-poter legali sabiex jirraprezenta lill-minuri f'kawza ċivili":*</u>

Din l-eċċezzjoni ġiet issollevata abbazi tal-fatt illi skont il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-konvenuta, l-attur ma għandux il-kapaċita' legali li jirrapprezenta lil bintu f'azzjoni kontenzjuza bħal dik odjerna, u għaldaqstant l-azzjoni hija irrita u nulla. Tajjeb li jiġi sottolinejat illi l-kurutari deputati in rapprezentanza tal-konvenuta fl-ebda waqt ma elaboraw fuq din l-eċċezzjoni. Madanakollu, il-Qorti hija konvinta illi l-eċċezzjoni tal-illeġittimita' tal-attur hija ppernjata fuq l-Artikolu 780 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijet ta' Malta, fejn Artikolu 787 jistipula espressament in-nullita' f'kaz li azzjoni ssir minn persuna inkapaċi li toqgħod f'kawza u li ma tkunx awtorizzata għal tali għan. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-kawza stante allegata illeġittimita' tal-attur hija legalment possibbli abbazi tal-Artikolu 789 subinċiz 1(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li f'dan il-kaz tali disposizzjoni tal-liġi trid tinqara flimkien mal-Artikolu 787 tal-Kapitolu 12.

L-Artikolu 781 subinċiz (a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu qegħdin jibbazaw l-eċċezzjoni tagħhom il-kuraturi deputati, jistipula illi, *"M'humiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti: (a) il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur"*. Dan ifisser li minuri tista' toqgħod f'kawza jekk: (i) rapprezentata mill-ġenitur/i tagħha, u (ii) liema ġenitur/i jkun/u qiegħed/qegħdin jezerċita/w is-setgħa ta' ġenitur, jew (ii) rapprezentata minn tutur jew kuratur. B'hekk il-Qorti qiegħda tiddeduċi illi l-kuraturi deputati ssollevaw l-eċċezzjoni illi l-attur ma għandux il-*poter legali* sabiex jirrapprezenta lil minuri fil-kawza odjerna fid-dawl tal-fatt li skont il-kuntratt rigward il-minuri

[13] Ara fol. 156a, 161.

ffirmat mill-partijiet nhar it-8 ta' April 2014, klawsola numru 1 tistipula ili *"il-kura u l-kustodja tal-minuri C qieghda tigi fdata lill-omm. Il-partijiet jaqblu illi l-minuri jkollha r-residenza ordinarja taghha mal-komparenti omm"*.[14] Għaldaqstant dak li għandha tasal għalih il-Qorti huwa, jekk fil-mument li ġiet intavolata l-azzjoni, l-attur kellux setgħa tal-ġenitur *o meno* sabiex b'hekk jiġi determinat jekk kienx legalment possibbli għall-attur li jirrapprezenta lil bintu f'kawza kontenzjuza.

Fil-kuntest ta' setgħa tal-ġenitur il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Cettina Camilleri vs Dr Nadine Delicata et**, deċiza nhar it-18 ta' Jannar 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġiurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), fejn il-Qorti għamlet ezami akkurat ta' jekk il-kunċett ta' setgħa ta' ġenitur, u dak ta' kura u kustodja, humiex identiċi għal xulxin. Jingħad:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa minnu li z-zewġ kuncetti ma humiex identici. Madanakollu ma jistgħux jiġu separati minn xulxin daqstant facilment bhalma jippretendu l-konvenuti. Dan peress li ghalkemm l-argument huwa wiehed akkedemikament interessanti izda b'mod attwali s-setgha tal-genitur tinkludi inter alia, it-tutela, il-kura u l-kustodja tal-minuri. Is-setgħat tal-genituri moghtija bil-ligi jinkludi anke l-aktar affarijiet bazici sal-aktar decizjonijiet importanti li jirrigwardaw il-minuri. Infatti l-artikolu 131 tal-Kodici Civili jsemmi li din is-setgha tal-genituri tigi ezercitata bi ftehim bejn iz-zewg genituri u f'kaz ta' mewt din tkun ezercitata mill-genitur li jibqa haj. Il-ligi tipprovdi ukoll li f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn iz-zewg genituri dwar decizjonijiet li jirrigwardaw lill-minuri, dawn ghandhom jirrikorru ghall-Qorti.*

*Illi l-kuncett ta' patria potestas jorigina mid-Dritt Ruman u nsibuh ukoll fil-ligi taghna. Skont il-ligi ta' Malta kull genitur ghandu dritt ta' patria potestas fuq il-wild tieghu jew taghha. Dan ifisser li l-genitur ghandu d-dritt li jiehu certu decizjonijiet importanti fil-konfront tal-minuri. (...)*

*Interessanti wkoll dak li gie ritent fis-setenza fl-**ismijiet Charles Grixti vs Bouchra Boukaoua**[15]. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet fdat il-kura u l-kustodja f'idejn l-omm izda l-Qorti ta' l-Appell irriteniet is-segwenti:*

[14] Fol. 8.
[15] Appell Ċivili Nru: 474/2007 deċiza fis-27 ta' Novembru, 2009.

*'Min-naha l-ohra, f'dan il-kaz ma jidhirx li jezistu l-estremi biex il-missier jiccahhad ghal kollox mid-drittijiet tieghu ta' patria potestas fuq ibnu minuri. Hu jidher li jhobb lill-ibnu, u apparti l-access li nghatalu, jixraq li jibqa' jzomm certu kontroll fuq certi aspetti importanti tal-hajja tal-minuri. Certi decizjonijiet importanti li jolqtu s-sahha, ledukazzjoni, ir-religjon u s-safar tat-tifel ghandhom jittiehdu bi qbil bejn il-partijiet, jew, fin-nuqqas mill-Qorti kompetenti li tkun tista', f'kull kaz, tara' x'ikun fl-ahjar interess tal-minuri'.*

*Mis-suespost ghalhekk jirrizulta li l-kura, kustodja u tutela tal-minuri huma fil-fatt attributi tas-setgħa ta' ġenitur".*

Din il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament, u b'hekk tirribadixxi li s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, izda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċizjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pozizzjoni li jezerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb.

Fil-fatt b'applikazzjoni ta' dan l-insejament għal kaz odjern, ma jirrizultax li l-attur ma kellux setgħa ta' ġenitur fuq il-minuri C B fil-mument li ġietipprezentata l-azzjoni in kwistjoni. Mill-kuntratt iffirmat mill-partijiet rigward il-minuri, jidher illi għalkemm klawsola numru wieħed (1) verament tattribwixxi l-kura u kustodja tal-minuri lil konvenuta, madanakollu permezz ta': (i) klawsola numru tnejn (2) il-missier baqgħalu d-dritt ta' aċċess, (ii) klawsola numru sitta (6) il-missier bagħaqlu d-dritt li flimkien mal-omm jieħu dawk id-deċizjonijiet dwar is-saħħa u edukazzjoni, kif ukoll li jkun infurmat dwar il-progress tal-edukazzjoni, jingħata informazzjoni adegwata dwar is-saħħa, u li jissavalgwardja s-saħħa morali u fizika tagħha, u (iii) klawsola numru sebgħa (7) il-missier baqgħalu d-dritt li jagħti l-awtorizzazzjoni sabiex jinħareġ jew jiġġedded passaport għall-minuri. Dan juri ampjament ċar illi l-missier xorta waħda kellu s-setgħa ta' ġenitur.

In vista tas-suespost, il-Qorti ma tarax li għandha tilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-konvenuta u b'hekk tgħaddi sabiex tiċħad l-istess.

*(iii)* *<u>Il-Verzjoni tal-Attur:</u>*

Fl-affidavit tiegħu,[16] l-attur jirrileva illi wara li twieldet il-minuri, il-partijiet iffirmaw kuntratt sabiex hekk irregolaw il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri. Madanakollu jirrileva illi *"minn dakinhar sallum l-affarijiet inqalbu ta' taħt fuq"*. L-attur jikkontendi illi huwa dejjem ħares l-obbligi tiegħu bħala missier, madanakollu kien jinsab ferm imħassab dwar kif kienet qiegħda titrabba bintu ma' ommha. Fil-fatt l-attur jelenka u jallega numru ta' kwistjonijiet li kienu ta' fattur għalih sabiex ressaq din l-azzjoni, fosthom: (i) il-minuri kienet qiegħda titħalla għal ħin twil man-nanna materna, (ii) il-konvenuta kienet qiegħda tiffrekwenta numru ta' rġiel differenti, (iii) il-konvenuta ġieli kienet tagħmel *weekends* sħaħ ma' tersaqx lejn id-dar, (iv) il-minuri ma kienetx qiegħda tiġi kkurata, fejn saħansitra kienet titħalla ġranet sħaħ maħmuġa, imlibsa l-istess ħwejjeġ u zraben imqatta', (v) il-minuri kienet tagħmel zmien ma tattendix l-iskola, (vi) il-konvenuta ma kienetx tinforma lill-attur bl-attivitajiet tal-minuri, (vii) il-konvenuta kellha l-vizzju tad-droga, (viii) il-minuri tingħata ikel mhux bnin u sustanzjuz, (ix) il-konvenuta ma turix interess dwar in-neċessitajiet tal-minuri bħal bzonn ta' nuċċali jew tilqim partikolari, u (x) il-minuri kienet tgħix f'ambjent ta' biza' u ġlied.

Għaldaqsant l-attur jikkontendi illi *"l-biza tiegħi għat-tifla beda kulma jmur dejjem jikber. Zgur illi ma rridx lil binti tgħaddi minn dawn l-affarijiet, jew tispiċċa vittma minħabba l-irresponsabbilita' ta' ommha"*.[17] Jingħad illi l-minuri ilha tgħix mal-attur sa minn April tas-sena 2019, fejn *"kienet D stess li ħallietha miegħi. Kont wassalt lit-tifla lura wara l-aċċess u D ċemplitli u qaltli biex nerġa' mmur għaliha għaliex it-tifla bdiet tibki għalija. (...) Fuq parir li kienu tawni tal-Appoġġ kont mort nagħmel rapport l-għassa u ovvjament lit-tifla zammejtha miegħi"*.[18] Għalhekk l-attur jirrileva li ma kellux għazla li jipproċedi permezz ta' medjazzjoni quddiem din il-Qorti sabiex ikun jista' jvarja l-kuntratt rigward il-minuri. Madanakollu għall-medjazzjoni l-konvenuta qatt ma attendiet. Il-minuri ġieli kellha kuntatt ma' ommha, liema kuntatt ma kienx wieħed kostanti għaliex

[16] Fol. 144 – 155.
[17] Fol. 144.
[18] Fol. 146.

il-konvenuta kienet taċċetta li tara lil minuri meta din kien jkollha aptit. In vista' ta' dan in-nuqqas ta' konformita' u stabbilita', l-attur jirrileva li huwa mexa fuq l-parir mogħti lilu mill-Aġenzija Appoġġ u b'hekk ma baqgħax iħalli lil bintu tara lil ommha.

Il-minuri issa ilha kwazi sentejn tgħix mal-attur, fejn skont dan tal-aħħar, il-minuri tinsab ferħana u ma jonqosha xejn. Jirrileva li minħabba x-xogħol tiegħu, huwa għamel l-arranġamenti neċessarji sabiex il-ħinijiet tiegħu jikkombaċu ma' dawk tal-iskola tal-minuri. Finalment huwa jispiċċa jgħid *"minn din il-kawza, peress illi jiena ma għandi l-ebda kuntatt ma' omm it-tifla u din spiss tisparixxi minn ħajjet it-tifla, kulma rrid huwa li t-tifla tibqa' tgħix miegħi, ikolli l-kura u l-kustodja tagħha u dan sabiex it-tifla ma tibqax nieqsa għaliex ommha ma terfax ir-responsabbilita' tagħha u li omm it-tifla tħallas xi ftit tal-manteniment"*.[19]

*(iv)* *Provi Mressqa mill-Attur:*

Sabiex jikkorrabora l-verzjoni tiegħu, l-attur ressaq bħala provi, fost oħrajn:

a. *Ir-rapporti tas-Social Workers mill-Aġenzija Appoġġ,* li huma tnejn u ċjoe':

L-ewwel rapport tas-*social workers* Naomi Bellotti u Andreana Gellel huwa datat 3 ta' Mejju 2019, liema rapport ġie mħejji stante ordni ta' din il-Qorti permezz tad-digriet tas-6 ta' Marzu 2019 fejn ġiet milqugħa t-talba tal-attur A B tat-8 ta' Frar 2019. Jiġi evalwat illi sabiex sar dan ir-rapport, is-*social workers* in kwistjoni għamlu kuntatt maz-zewġ partijiet fejn ingħatalhom appuntament għal liema appuntament l-attur attenda u esprima l-ħsibijiet tiegħu dwar is-sitwazzjoni, filwaqt li l-konvenuta ma attendietx. Madanakollu s-*social workers* jirrappurtaw illi l-konvenuta għamlet kuntatt telefoniku magħhom fejn *inter alia, "l-omm qablet li għalissa l-minuri tkun fdata f'idejn il-missier, minħabba li hija ma tistax toffrilha stabbilita' bħalissa"*.[20] Magħdud ma dan, il-Qorti tinnota ukoll li l-konvenuta ddikjarat illi *"t-tifel tagħha li għandu disa' snin u huwa wild minn relazzjoni preċedenti se jkun fdat f'idejn ommha u oħtha"*.[21]

[19] Fol. 148.
[20] Fol. 15.
[21] *Ibid.*

Konsegwentament, fl-ewwel rapport ġie rrakkomandat illi *"Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkostanzi is-social worker umilment tirrakomanda li l-kura u kustodja tal-minuri C B tkun fdata f'idejn il-missier filwaqt li jkompli jsir monitoring fuq il-minuri. Minn naħa l-oħra, l-omm jkollha aċċess mal-minuri b'supervizjoni u dan wara li l-omm tiltaqa' mas-social worker sabiex jagħmlu l-arranġamenti neċċessarji. Is-social worker umilment tirrakomanda wkoll li l-omm tagħmel kuntatt mal-Aġenzija Sedqa sabiex isir assessment u jekk jaraw li hemm il-bzonn hija tieħu l-għajnuna u s-sapport meħtieġa"*.[22]

It-tieni rapport tas-*social workers* Naomi Bellotti u Andreana Gellel huwa datat 30 ta' Diċembru 2019, liema rapport ġie mħejji wara digriet ta' din il-Qorti datat 3 ta' Ottubru 2019. Jingħad illi s-*social workers* komplew bil-moniteraġġ fuq il-minuri meta din kienet qiegħda tgħix mal-attur. Jingħad li s-*social workers* għamlu diversi vizti l-iskola u d-dar. Min-naħa l-oħra jiġi rappurtat li l-kuntatt mal-konvenuta kien wieħed limitat u inkonsistenti hekk kif ħafna drabi il-konvenuta ma kienetx aċċessibbli tramite ċ-ċellulari u barra minn hekk il-kuntatt tal-konvenuta mal-minuri ukoll kien wieħed rari. F'Lulju 2019, il-konvenuta marret tgħix lura għand ommha, u bi qbil bejn il-partijiet infushom, il-konvenuta bdiet tieħu ħsieb lill-minuri filgħodijiet sakemm l-attur ikun xogħol. Madanakollu l-konvenuta xorta kienet turi inkonsistenza.

Mir-rapport jirriżulta illi hekk kif il-minuri bdiet tirrisjedi mal-attur, il-professjonisti nnutaw bidla pozittiva fil-minuri. Dan tikkonfermah il-minuri stess waqt il-vizti mas-*social workers* fejn saħqet *"li kienet tinsab kuntenta mal-missier. Hija kienet tirrakonta kemm toħroġ mal-missier u jmorru postijiet differenti flimkien. Kienet tirrakonta wkoll li  n-nanna paterna ssajrilha, li l-missier jagħmilha l-lunch u xagħarha għall-iskola, u li l-missier jgħinha fix-xogħol tal-iskola u jismaħa taqra wkoll"*. Barra minn hekk il-minuri uriet ix-xewqa tagħha li tara iktar ta' spiss lil ommha u ħuha. Madanakollu s-*social workers* osservaw illi l-imġieba tal-minuri tkun differenti meta tkun ma' ommha u n-nanna materna, fejn din tkun inqas ubbidjenti u ribelluza. Dan l-aċċess mal-omm waqaf hekk kif din tal-aħħar waqfet tieħu lil minuri jew iċċemplilha. Fir-rigward tal-allgazzjoni taz-zewġ partijiet tal-uzu mill-alkoħol u d-drogi, is-*social workers* ħeġġew lill-partijiet sabiex imorru l-Aġenzija Sedqa sabiex jippruvaw li huma ma jagħmlux uzu minn ebda sustanzi, jidher illi ebda mill-partijiet ma għamel dan. Madanakollu fir-rigward tal-attur, is-*social workers* kellhom l-

[22] *Ibid.*

opportunita' li josservaw jekk kienx hemm sinjali ta' uzu mix-xorb jew sustanzi illegali, izda dan irrizulta fin-negattiv.

Għaldaqstant, permezz tat-tieni rapport, ġie rrakomonadat illi: "*Mill-interventi li saru f'dawn ix-xhur, jidher li l-minuri hija mizmuma u mrobbija b'mod adegwat mal-missier A B. Il-missier dejjem ikoopera mal-professjonijisti u jidher li jqis l-aħjar interess għall-minuri. Huwa dejjem wera l-preokupazzjoni tiegħu dwar l-omm minħabba li din ġieli ma titfaċċax u ma taħmilx kuntatt għal zmien twil. Is-sinjur B mingħajr ma jaf fi ċert, ma jeskludix li l-omm qiegħda tuza d-droga minħabba l-aġir u l-inkonsistenza li turi. Min-naħa tal-omm, is-social worker qatt ma osservat commitement lejn il-minuri. Il-kuntatt li l-omm għamlet mal-minuri u mal-professjonista kien wieħed limitat u inkonsistenti, minkejja li s-social worker kienet tisħaq l-importanza li jinzamm kuntatt sabiex jiġi mħejji pjan ta' kura stabbli għall-minuri li jinkludi anke l-aċċess tagħha. Apparti minn hekk, l-Aġenzija Appoġġ irċiviet diversi rapporti dwar is-sinjorina D E, li jallegaw li hija qiegħda tuza d-droga u tgħix ħajja kaotika. Għaldaqstant, is-social worker umilment tirrakomanda lil din l-Onorabbli Qori li l-omm għandha tibda tattendi għal sezzjonijiet mal-Aġenzija Sedqa qabel ma hija tkun involuta fil-ħajja tal-minuri sabiex jekk hemm bzonn tirċievi l-għajnuna meħtieġa. Minn barra dan, l-professjonista tixtieq tinforma li mhux se tibqa' sswgwi lill-minuri u lill-missier minħabba li jidher li sejrin tajjeb u l-minuri tinsab f'ambjent xieraq".*

*b.* *Ir-Rapporti li saru lill-Pulizija kontra D E,* fejn xehdet il-Pulizija Silvia Zarb (WPC 117) u ezebiet sitt (6) rapport li saru kontra l-konvenuta, ċjoe':

<u>Rapport magħmul minn A B nhar 10 ta' Jannar 2014</u>: Dan ir-rapport sar wara li D E bagħtitlu messaġġ fuq iċ-ċellulari b'ħafna kliem mhux xieraq u vulgari, hekk kif B ma setgħax imur jara lit-tifla li għandhom flimkien;[23]

<u>Rapport magħmul minn A B nhar il-31 ta' Marzu 2019</u>: Dan ir-rapport sar hekk kif B ħa lil minuri lura għand ommha wara l-aċċess, izda l-omm ma kienetx id-dar imma kien hemm in-nanna materna – madanakollu l-minuri ma riedetx tmur magħha. Il-minuri tkellmet fil-privat mal-Pulizija u din stqarret li kienet mbezzgħa min-nanna, li ommha ma tkun qatt id-dar u li maz-zija Angele tħossha tajba. Għaldaqstant, il-Pulizija bagħtet għal omm u oħt il-konvenuta, fejn stqarrew illi omm il-minuri mhux qiegħda tagħti kas tat-tifla u qatt ma tkun id-

[23] Fol. 115 – 117.

dar. Barra minn hekk oħt il-konvenuta stqarret illi jista' jkun li ommha ġieli qabzitilha xi ftit izzejjed mat-tifla imma għax titlef il-paċenzja peress li llum hija anzjana, izda nnegat ili kien hemm vjolenza fizika fuq it-tifla;[24]

Rapport magħmul minn A B nhar id-29 ta' April 2019: Dan ir-rapport sar fuq parir tal-Aġnzija Appoġġ, fejn ġie rraportat illi wara li B spiċċa mill-aċċess minn ma' bintu, huwa ħa lill-minuri lura għand ommha izda din ċemplitlu sabiex jerġa' jmur għall-minuri hekk kif il-minuri ma rieditx tibqa' ma' ommha;[25]

Rapport magħmul minn Mary E nhar il-5 ta' Ġunju 2019: Dan ir-rapport sar wara li D E, bint il-kwerelanta marret lura d-dar sabiex tieħu xi affarijiet tagħha u hemmhekk bdew jilletikaw verbalment, u Mary E ħassitha mbezza' minn bintha;[26]

Rapport magħmul minn Mary E nhar il-20 ta' Ottubru 2019: Dan ir-rapport sar wara li l-Pulizija ġew infurmati li kien hemm bzonn l-assistenza tal-Pulizja minħabba sitwazzjoni familjari bejn D E u ommha Mary E. Il-kommossjoni li nqalgħat kienet minħabba l-fatt li D E wara li telqet mid-dar ta' ommha, din marret lura izda ommha ma rieditx taċċettaha lura f'darha. Meta ġiet mitkellma Mary E mill-Pulizija, din stqarret li D kienet telqet mid-dar tagħha u ħalliet warajha lil binha;[27]

Rapport magħmul minn G H nhar it-8 ta' Ġunju 2019: Dan ir-rapport sar wara li l-kwerelant kien qiegħed ġewwa bar u avviċinawh zewġ nisa, fosthom D E, u ftehmu li jmorru fil-fond fejn joqgħod H sabiex it-tlieta (3) flimkien jipparteċipaw fi pjaċiri sesswali. Hekk kif il-kwerelant ħareġ il-flus sabiex iħallas għaxar ewro (€10) liz-zewġ nisa, waħda minnhom ħaditlu ħamsin ewro (€50) u telqu 'l barra. H mar warajhom u spiċċaw jargumentaw hekk kif dan ried il-flus zejda li ħadulu, u spiċċa bil-karta tal-identita' ta' waħda minnhom;[28]

c. *Numru ta' ritratti tal-minuri* li jistabbilixxu l-ilbies, ix-xagħar u l-benessere tal-minuri meta kienet għadha tirrisjedi mal-konvenuta;[29]

[24] Fol. 110 – 114.
[25] Fol. 108 – 109.
[26] Fol. 124 – 126.
[27] Fol. 121 – 123.
[28] Fol. 118 – 120.
[29] Fol. 149, 150,154.

d. *Ritratt* li jistabbilixxi l-ġugarelli li għandha l-minuri għand l-attur;[30]

e. *Dokumenti dwar meta l-minuri ma attendietx skola* u ċjoe' nhar is-16 ta' Ottubru 2018, is-7 ta' Novembru 2018, it-30 ta' Novembru 2018, u s-7 ta' Diċembru 2018;[31]

f. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus*, fejn ezebixxa l-*employment history* tal-konvenuta,[32] u kif ukoll tal-attur;[33]

g. *Ix-xhieda tas-Surmast I J tal-iskola St Thomas Moore Zejtun*,[34] fejn ġie stabbilit illi l-minuri kienet tattendi b'mod regolari izda mit-3 ta' Ottubru 2019 din bdiet tattendi l-iskola St Thomas Moore ġewwa l-Birgu;

h. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[35] fejn ġie stabbilit illi l-konvenuta tipperċepixxi minn Għajnuna Supplimentari u *Allowance* tat-Tfal.

(v) *Il-Verzjoni tal-Konvenuta:*

Il-Qorti tinsab sprovvista mill-verzjoni tal-konvenuta u dan stante li minkejja l-kuraturi deputati għamlu kuntatt magħha, din xorta waħda għazlet li ma tweġibx. Għaldaqstant, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-konvenuta ma setgħux jagħtu l-verzjoni tagħha u lanqas iressqu dawk il-provi sabiex jikkontradixxu l-verzjoni tal-attur.

Madanakollu l-Qorti tosserva illi fit-trattazzjoni finali l-kuratur deputat qabel pjenament mal-Qorti stess illi l-minuri qiegħda iktar stabbli mal-missier. Madanakollu l-unika kwistjoni li dwarha l-kuratur zamm ferm kienet dik tal-manteniment, u rrileva illi *"din il-mara she is very oppressed ġifieri u għandha problemi kbar ġifieri jekk se nippruvaw noħdulha manteniment"*.[36] B'hekk il-kuratur issuġġerixxa illi *se mai* l-konvenuta għandha tħallas manteniment għall-minuri meta jkollha impjieg fuq bazi *full-time*.[37]

[30] Fol. 155.
[31] Fol. 151 – 153.
[32] Fol. 128.
[33] Fol. 130 – 136.
[34] Fol. 80, 85.
[35] Fol. 157a.
[36] Fol. 161.
[37] Fol. 163.

*(vi) <u>Prinċipji Legali Saljenti għal Kaz Odjern:</u>*

Qabel mal-Qorti tgħaddi għal-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Fir-rigward ta' *<u>kura u kustodja</u>*, minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet **M. B vs Onor J. Raynaud** fejn ġie dikjarat li *"Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal"*.[38] Magħdud ma' dan, u b'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**, ġie ritenut li *"r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal"*,[39] liema prinċipju għadu jiġi applikat mill-Qrati nostranza, bħal per ezempju fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan E**[40] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks.**[41] F'dan l-istadju huwa wkoll ta' importanza li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.[42]

Fir-rigward ta' *<u>manteniment</u>*, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

[38] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.
[39] Deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
[40] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[41] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).
[42] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jewmatul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skontid-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu,

jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tal-duttrina legali *pacta sunt servanda*, jingħad illi una volta t-talba in dizamina tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-punto di partenza għandha tkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet, huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt u għandu japplika l-prinċipju legal *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[43] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi rizolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teziġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[44]

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' April 2015, fejn ġie ribadit illi: *"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza* ***Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359).*** *F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta*

---

[43] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.

[44] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino,** u **Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament.

*ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (***Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998***) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet* ***General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)*** *intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda".***

Fir-rigward tas-*setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra*, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversamnt preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "****Cedric E vs Nicolette Mifsud"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph B vs Lesya B*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

*(vii) <u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

Il-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob li jiġi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri C B, fejn din għandu jkollha r-residenza ordinarja tagħha mal-istess attur. Jitlob ukoll sabiex l-konvenuta tipprovdi għal manteniment xieraq għall-minuri, u li l-benefiċċji soċjali li għalihom hija intitolata l-minuri għandhom jiġu perċepiti mill-attur. Fl-aħħar nett jitlob sabiex l-attur jiġi awtorizzat japplika u jġedded il-passaport tal-minuri u dan mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenuta nnifisha.

Il-punto di partenza huwa proprju l-fatt li l-kaz in kwistjoni jirrivolvi ma' ftehim tal-partijiet maqbul u ffirmat nhar it-8 ta' April 2014 u b'applikazzjoni tal-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda,* tali ftehim jista' jiġi mħassar biss bil-kunsens tal-partijiet infushom jew inkella għal raġunijiet magħrufa mil-liġi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tevalwa illi fil-kuntratt oriġinali, klawsola numru ħamsa (5), tistipula: *"F'kaz ta' xi nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar xi kwistjoni li tinqala' bejniethom rigward il-kura u l-kustodja tal-Minuri, jew dwar it-trobbija jew l-andament edukattiv tagħhom, il-partijiet qegħdin minn issa jaqblu li tali kwistjoni tiġi riferita lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għad-deċizjoni finali in materja".* Għaldaqstant dan ifisser illi din il-Qorti tramite din il-klawsola għandha s-setgħa li tvarja l-kuntratt in kwistjoni u dan f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri. B'hekk il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa jekk it-talbiet tal-attur jimmeritawx li jiġu milqugħa fid-dawl tal-provi mresqa u dak li titlob il-liġi fejn si tratta l-minuri u l-benessere tagħhom.

Jiġi ribadit illi meta l-Qorti titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba ghall-kura u kustodja eskluzziva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri u tmur lil hinn minn dak li jixtiequ l-ġenituri, izda tiddetermina b'mod assolut x'inhu bzonnjuz u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the*

*parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluz mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew minn ġenitur wieħed. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi ħafna mid-drabi jkunu l-ġenituri stess li jagħzlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni ta' dan it-tip, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għozza li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sintezi tal-kaz odjern, fejn l-konvenuta għal raġuni mhux magħrufa tagħzel li tabbanduna lil minuri.

Fil-kaz odjern u mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, din tal-aħħar ma għandha l-ebda dubju li hemm differenza enormi bejn il-kwalitajiet tal-partijiet, fejn min-naħa waħda l-attur jidher li huwa persuna matura, responsabbli, b'xogħol stabbli u għandu residenza fissa, filwaqt li min-naħa l-oħra, il-konvenuta hija inkonsistenti, immatura, irresponsabbli, bla saqaf fuq rasha, bla introjtu u bla ebda interess versu bintha. F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tistgħax tinjora l-fatt li l-konvenuta qatt ma resqet għal xi seduta fil-medjazzjoni jew mas-*social workers,* u kif ukoll il-kontenut tar-rapporti tas-*social workers* u dawk li saru mal-Pulizija fil-konfront tal-konvenuta. Dawn il-provi huma kruċjali hekk kif jagħtu stampa ċara tal-intendiment tal-konvenuta fir-rigward tal-minuri, u kif ukoll il-karattru, l-interessi, l-prijoritajiet u l-ħajja taz-zewġ partijiet.

Il-Qorti tinnota illi kienet il-konvenuta stess li ammettiet mas-*social workers* illi jkun ferm aħjar li l-minuri tibqa' tgħix ma' missierha għaliex a kuntrarju tagħha huwa jista' jipprovidilha ambjent stabbli, fejn tista' tiġi mrobbija, indukrata u mgħallma f'imħabba u għozza. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn ommha u oħt il-konventa fir-rapport tal-Pulizija ta' nhar 31 ta' Marzu 2019, fejn stqarrew li D E ma tieħux ħsieb lil bintha u tagħmel jiem sħaħ bla ma tersaq lejn id-dar. Magħdud ma' dan, mill-atti jirrizulta ukoll illi C B ma hijiex l-unika wild tal-konvenuta,

hekk kif mir-rapporti surreferiti jiġi indikat li l-konvenuta għandha minn tal-inqas wild ieħor li ġieli tħalla fil-kura tan-nanna u z-zija materna, wara li ġie abbandunat minn ommu sabiex tgħix il-ħajja li jidhrilha xierqa – liema ħajja possibilment hija ddominata minn xalar sfranat, vizzju ta' sustanzi illegali u rapporti sesswali bla razan. Għaldaqstant il-Qorti tara ċertu *pattern* fil-komportament tal-konvenuta, ċjoe' li l-konvenuta ma għandhiex minimament għal qalbha l-interessi ta' bintha minuri, izda tgħozz iktar u tagħti prijorita' il-ħajja taz-zina, u sfortunatament ma jirrizultax li l-konvenuta għandha ħajra li tbiddel dan l-istil ta' ħajja.

In vista tas-suespost u kif ukoll fid-dawl tal-fatt li s-*social workers* stess jikkonfermaw illi: (i) tezisti diskrepanza fl-aġir tal-minuri meta din tkun ma' missierha u meta tkun ma' ommha, (ii) professjonisti raw li l-minuri kellha bidla pozittiva hekk kif bdiet tirrisjedi mal-missier, (iii) li l-minuri stess ikkonfermat li kienet kuntenta ma missierha u li dan tal-aħħar jieħu ħsiebha bl-aġir ta' *bonus paterfamilias*, (iv) il-biza' li l-minuri għandha mill-familja materna, il-Qorti ma tara li fiċ-ċirkostanzi hemm lok li l-kuntratt tat-8 ta' April 2014 iffirmat miz-zewġ kontendenti jiġi varjat. Il-Qorti tirrikonoxxi u tfaħħar l-aġir tal-attur, liema aġir jikkontradixxi l-istigma mnaqxa fis-soċjeta' Maltija li l-missierjiet huma dawk li dejjem jonqsu u jweġġgħu lil uliedhom, bil-konsegwenza li l-omm tiġi dejjem meqjusa bħala l-unika ġenitur li tbati, li ssofri, li toffri, li tħobb, li tipprovdi u tagħti l-appoġġ lil uliedha. Il-Qorti għandha għal qalbha ferm dawk il-missierijiet bħall-attur, li għal zmien twil ma ġewx rikonoxuti, izda minkejja s-sitwazzjonijiet li twadbilhom il-ħajja, is-sofferenzi u n-nuqqas ta' kompliċita' mill-ġenitur l-ieħor, huma dejjem ikunu lesti li jipproteġu lil uliedhom akkost ta' kollox. Il-Qorti tinsab perswaza illi l-attur pprova jimla' z-zarbun ta' zewġ ġenituri bl-aħjar mod li seta' u dan sabiex jara li l-minuri ma jkun jonqosha xejn. Għaldaqstant mill-provi prodotti, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri C B tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attur A B, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attur ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala d-dar tiegħu.

Magħdud mal-premess u bis-saħħa tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda, *rebus sic stantibus*, tinvoka u tapplika Artikolu 154 subinċiz (1)(b) u (e) u (2) tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenuta hekk kif il-Qorti tinsab tal-fehma li jezistu raġunijiet ferm gravi u serji fejn il-konvenuta għandha tiġi zvestita *in toto* mis-setgħa tal-ġenitur filwaqt li din is-setgħa għandha tkun

vestita esklussivament f'idejn l-attur, u dan ġialadarba l-interess tal-minuri hekk jirrikjedi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' *se mai* tista' tintuza fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta. Dan konsegwentament ifisser illi l-attur qiegħed jingħata l-awtorita' neċessarja sabiex jieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attur permezz ta' tali sentenza għandu l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenuta, huwa għandu jieħu dawk id-deċizjonijiet versu l-minuri u jsiefer magħha ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attur qiegħed jiġi ukoll awtorizzat illi japplika jew iġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenuta, b'dana illi l-istess passaport għandu jinzamm dejjem u biss fil-pussess tal-attur.

Fir-rigward tal-aċċess, il-Qorti tevalwa li abbazi tar-rapport tas-*social workers* tat-30 ta' Diċembru 2019, il-minuri ilha ma tara jew tikkomunika ma' ommha għal zmien twil. Filfatt fl-imsemmi rapport ġie rakkomandat illi in vista tan-nuqqas ta' impenn da parti l-konvenuta illi tiltaqa' u tikkomunika ma' bintha, u kif ukoll minħabba l-allegazzjonijiet dwar il-ħajja kaotika tagħha u l-uzu minn sustanzi illegali, ikun idoneju illi qabel ma' l-konvenuta tkun b'xi mod involuta fil-ħajja tal-minuri, din għandha l-ewwel tattendi għal sezzjonijiet mal-Aġenzija Sedqa sabiex tirċievi l-għajnuna meħtieġa jekk ikun il-kaz.

Mill-atti ġudizzjarji tal-attur, l-aċċess versu l-omm ma jissemma' imkien. Il-Qorti tirribadixxi illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbazi ta' struzzjoni professjonali. Għaldaqstant fil-kaz odjern, u fl-interess suprem tal-minuri, il-Qori tabbraċċja r-rakkomandazzjoni tas-*social workers*, u qiegħda f'dan l-istadju u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna illi f'kaz li l-konvenuta għandha interess li tirristabbilixxi kuntatt ma' bintha, din għandha tattendi għal numru ta' sezzjonijiet mal-Aġenzija Sedqa sabiex tingħata l-għajnuna meħtieġa jekk ikun il-kaz, u meta l-konvenuta tiġi ċertifikata minn professjonisti illi tinsab f'pozizzjoni li jkollha kuntatt ma' bintha, il-Qorti

tidderiġi lill-Aġenzja Appoġġ sabiex fl-ewwel lok tisma' lit-tifla u x-xewqat tagħha rigward aċċess ma' ommha, u abbazi tal-istess xewqat tagħha, l-Aġenzija Appoġġ għandha tippjana skeda ta' kif għandu jsir aċċess adegwat, jekk ikun il-kaz.

Magħdud mal-premess u tenut kont illi l-minuri ser tkun qiegħda tirrisjedi mal-missier, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqis it-talba tal-manteniment għal minuri. Mill-atti jirrizulta li fil-prezent l-konvenuta mhux qiegħda f'impjieg, u qiegħda tipperċepixxi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, l-Għajnuna Supplimentari u *Allowance* tat-Tfal. Barra minn hekk, il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tas-suġġeriment tal-kuratur deputat rapprezentanti tal-konvenuta rigward il-manteniment, liema suġġeriment ma jistgħax jiġi milqugħ minn din il-Qorti. Minkejja l-Qorti hija konsapevoli li bl-ordni tagħha li tobbliga lill-konvenuta tħallas manteniment għal bintha, hija tista' tiġi perċipta li qiegħda tkompli tgħakkas lil konvenuta hekk kif din tinsab bla xogħol u saqaf fuq rasha, izda dan ma huwiex il-messaġġ tal-Qorti. In primis għandu jingħad illi tali obbligu ma huwiex xi wieħed frivolu, izda huwa wieħed sanċit mil-liġi stess. Fit-tieni lok, il-konvenuta, bħal ġenituri oħrajn, għandha terfa' r-responsabbilta' tagħha bħala omm u dan indipendentament minn kwalsiasi ħaġa oħra. Il-messaġġ waħdini li din il-Qorti trid tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fizika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilita' li jġibu magħhom l-ulied. It-tfal ma humiex ġugarelli, fejn tista' tifrah bihom f'mument u twarrabhom sekonda wara. Fil-kaz odjern fejn il-konvenuta għazlet li taħrab mir-realta', mir-responsabbiltajiet u mill-imħabba ta' bintha, dan m'għandux ifisser illi għandha tiġi ezonerata mill-obbligi tagħha.

Għaldaqstant il-Qorti tordna lil konvenuta, tħallas lil attur is-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal C B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attur f'dak il-kont bankarju indikat minnu stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal C B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħzel li tibqa' tistudja fuq bażi

*full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri tagħzel li tmur tgħix għal rasha meta' tkun maġġorenni, u tkun għadha qed tistudja fuq bażi "full-time" u tkun għadha m'għalqitx it-tlieta w għoxrin sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur għan-nom tal-minuri.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġnijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba, u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri C B għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn il-missier A B u konsegwentament tordna li r-residenza ordinarja tal-minuri għandha tkun ugwali għal dik tal-attur A B, ċjoe' ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala d-dar tiegħu;

2. Tilqa' it-tielet, ir-raba' u s-sitt talba, u tordna lil konvenuta, tħallas lil attur is-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal C B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attur f'dak il-kont bankarju indikat minnu stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal C B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħzel li tibqa' tistudja fuq bażi full-time wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri tagħzel li tmur tgħix għal rasha meta' tkun maġġorenni, u tkun għadha qed tistudja fuq bażi "full-time" u tkun taħt it-tlieta w għoxrin sena, il-manteniment jitħallas direttament lilha.

Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz children allowance għandu jkun perċepibbli mill-attur għan-nom tal-minuri;

3. Tiċħad il-ħames talba;

4. Tilqa' s-seba' talba u tawtorizza lill-attur japplika u jġedded il-passaport tal-minuri u dan mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-konvenuta;

5. Tordna u dan bis-saħħa tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, u *rebus sic stantibus* illi l-konvenuta tiġi zvestita *in toto* mis-setgħa tal-ġenitur filwaqt li din is-setgħa għandha tkun vestita esklussivament f'idejn l-attur, u dan ġialadarba l-interess tal-minuri hekk jirrikjedi, b'dana illi l-attur qiegħed jingħata l-awtorita' neċessarja sabiex jieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari, passaport u safar, hekk kif jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi;

6. Tordna u dan bis-saħħa ta' Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili illi f'kaz li l-konvenuta għandha interess li tirristabbilixxi kuntatt ma' bintha, din għandha tattendi għal numru ta' sessjonijiet mal-Aġenzija Sedqa sabiex tingħata l-għajnuna meħtieġa jekk ikun il-kaz, u meta l-konvenuta tiġi ċertifikata minn professjonisti illi tinsab f'pozizzjoni li jkollha kuntatt ma' bintha, il-Qorti tidderiġi lill-Aġenzja Appoġġ sabiex fl-ewwel lok tisma' lit-tifla u x-xewqat tagħha rigward aċċess ma' ommha, u abbazi tal-istess xewqat tagħha, l-Aġenzija Appoġġ għandha tippjana skeda ta' kif għandu jsir aċċess adegwat, jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenuta.